MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Numru. 782/2008

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Anthony Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Anthony Zammit (karta tal-identita numru 76871M) u dan talli fit-23 ta' Awwissu 2008, ghall-habta tas-6pm, fi Triq Burmarrad, Burmarrad ikkommetta serq ta' zewg basktijiet bi flus kontanti, cekkijiet, scratch cards u mobile phone top-up vouchers, fost affarijiet ohra, minn vettura Skoda Felicia, numru tar-registrazzjoni JAB991, liema serq hu aggravat

bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha u tletin (Euro 2329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa, liema serq sar ghad dannu ta' Maria Aloysia Suda u/jew ta’ persuni ohra, u talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol 7 tal-atti) u li biha ta’ l-kunsens sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-akkuzat jiddikjara li m’ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura (fol 16 ibid).
Semghet lill-akkuzat jammetti volontarjament fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu, illi hu hati tal-akkuzi kollha.

Rat id-digriet Taghha (fol 19 ibid) moghti fid-9 ta’ Settembru 2008 u li bih ordnat li, qabel ma tinghata s-sentenza, jsir rapport minn ufficjal tal-“probation” nominat skond il-ligi “in material”.

Rat in-nota a fol 21 tal-atti kif ukoll l-imsemmi rapport a fol 23 sa fol 45 ibid.

Rat, ukoll, dak verbalizzat waqt is-seduta tal-24 ta’ Novembru 2008 kif ukoll semghet it-trattazzjoni.

Ghar-ragunijiet premessi, l-Qorti ssib lill-akkuzat hati talli fit-23 ta’ Awwissu 2008, ghall-habta tas-6pm, fi Triq Burmarrad, Burmarrad ikkommetta serq ta’ zewg basktijiet bi flus kontanti, cekkijiet, scratch cards u mobile phone top-up vouchers, fost affarijiet ohra, minn vettura Skoda Felicia, numru tar-registrazzjoni JAB991, liema serq hu aggravat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha u tletin (Euro 2329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa, liema serq sar ghad dannu ta' Maria Aloysia Suda u/jew ta’ persuni ohra, u talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan skond l-artikoli 261(c)(d), 267, 271, 279(a), 280(1) 281(b), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju rat illi s-segwenti fatturi ghandhom jigu konsiderati dwar kif ghandu jigi trattat l-akkuzat :-

a) Mill-fedina penali, jirrizulta illi l-akkuzat li hu recidiv, digja, instab hati ta' reat gravi in konnessjoni ma traffikar ta' droga kokaijna u kien inghata l-piena ta' multa u prigunerija skond il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
b) Minn dak li semghet l-istess Qorti, waqt it-trattazzjoni tal-kaz, l-akkuzat kien ikkolabora mal-Pulizija sabiex tinstab ir-refurtiva f'dan il-kaz hlief ghas-somma ta' elf (1000) Euro. Inoltre jidher ukoll li kien ikkolabora mal-Pulizija fl-investigazzjoni taghha tal-istess kaz.
c) L-akkuzat, f'stadju bikri tal-proceduri, ammetta l-htija tieghu fl-istess kaz li jinvolvi serq kwalifikat bil-valur taht l-2329.37 Euro (Lm1000) u bix-xorta tal-haga misruga oltre dik ta' recidiv.
d) Mir-rapport li sar qabel ma tinghata din is-sentenza, liema rapport gie mifli mill-Qorti mill-bidu sal-ahhar jirrizulta illi gie rakkomandat lill-Qorti illi sentenza ibbazata fuq servizz fil-komunita ma hiex idonea stante li l-akkuzat jidher li hu ta' natura inaffidabbli li jostakola ferm it-tfassil ta' pjan ta' liema adewkita li ghandu jkun bazat fuq l-element ta' fiducja. Difatti jidher mill-gbir tal-provi illi hu stess kien talab li ma jkompliex kors mas-"Substance Abuse Therapeutic Unit" (SATU) u kien talab li jmur lura fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jiskonta piena inflitta; illi matul l-2004, hu kien attenda zewg sessjonijiet mad-"Drugs Community Team" u imbaghad ma sar l-ebda kuntatt ulterjuri.

Illi tenut kont ta' dak premess u ta' dak li gie sottomess mill-partijiet waqt it-trattazzjoni, din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'decisjoni akkwantu difficli stante li l-akkuzat ma jistax jinghata sentenza ta' prigunerija sospiza minhabba l-akkuza annessa ta' recidiva. Ghalhekk l-istess Qorti ghandha zewg ghazliet cjoe;

a) sentenza ta' prigunerija effettiva mal-ewwel
b) il-hrug ta' ordni ta "probation" skond l-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi wara li vvalutat kollox, il-Qorti thoss li, talli ikkollabora f'dan il-kaz sabiex jigi rizolt, ghandu jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma ruhu, billi tohrog l-annessa ordni ta' "probation".
Ghaldaqstant il-Qorti tordna l-hrug tal-annessa ordni ta' "probation" li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------